# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2158

Każ Nru 2920/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Saviour Caruana

u

John's Garage Limited

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 27 ta' Ġunju 2012

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors mill-Avv Joanne Vella Cuschieri fl-4 ta' Mejju 2011 fejn ġie allegat li Saviour Caruana kien ġie illiċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà John's Garage Limited fl-14 ta' April 2011. Is-Soċjetà Ntimata li kienet rapprezentata minn Christopher Farrugia CEO assistit mill-Avv David Farrugia Sacco innegat dan. Inżammu disa' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll ix-xhieda li riedu jinstemgħu ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Is-Soċjetà Ntimata tgħid li lliċenzjat lir-Rikorrent minħabba nsubordinazzjoni, dħul għax-xogħol tard u billi assenta ruħu mill-post tax-xogħol tiegħu mingħajr permess. Dana kollu sostnut b'numru ta' twissijiet. Ir-Rikorrent jgħid li dejjem qeda' dmirijietu sewwa, ingħata t-twissijiet kollha f'temp ta' jumejn inkluż l-ġurnata tat-tkeċċija tiegħu u qatt qabel fit-tmintax-il sena li kien jaħdem mas-Soċjetà Ntimata ma kien ingħata twissija.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Ir-raġunijiet mogħtija mis-Soċjetà Ntimata għat-tkeċċija tar-Rikorrent jistgħu jinġabru fi tlieta: (1) l-allegazzjoni ta' insubordinazzjoni meta rrifjuta li jeżegwixxi ordnijiet mogħtija lilu mis-superjur tiegħu Mark Philips, *Garage Manager*; (2) ir-rappurtar tard għax xogħol u (3) tluq tiegħu minn fuq ix-xogħol allegatament bla premess fl-14 ta' April 2011. Dana kollu wassal lis-Soċjetà Ntimata biex tilliċenzjah.

It-Tribunal ried jifli bir-reqqa dan kollu partikolarment fejn hemm nuqqas serju ta' qbil dwar il-fatti preżentati. Għal dak li huwa allegat insubordinazzjoni jirriżulta li veru li r-Rikorrent kien qal li jirrifjuta li jagħmel ċertu xogħol iżda fil-fatt ma kienx ingħata xogħol u għalhekk m irrifjutax ix-xogħol (seduta 6.6.12 fol 7). Jallega li kien hemm pjan biex lilu jwarrbuh mill-post li kien jokkupa u ftit ftit jagħtu xogħolu lil persuna oħra. It-tmexxija ta' soċjetà hija f'idejn il-*Management* u għaldaqstant ir-reazzjoni tar-Rikorrent li jikkontesta ordnijiet tas-superjuri tiegħu ma tistax tiġi aċċettata. Mill-banda l-oħra irid jiġi kunsidrat li ħaddiem li jħoss li xogħolu se jiġi usurpat minn ħaddieħor ma jistax ma jinkwetax ruħu. Li jmissu għamel ir-Rikorrent huwa li jaċċetta s-sitwazzjoni taħt protesta waqt li, kif eventwalment għamel, jieħu parir u jinvoka l-assistenza tal-Union tiegħu. Rigward it-tieni nfrazzjoni li biha ġie addebitat ir-Rikorrent ġew preżentati provi ta' *punch cards* li juru li f'diversi okkazjonijiet huwa kien daħal tard għax-xogħol b'ammont sostanzjali ta' minuti. Iżda l-allegazzjoni tas-Soċjetà Ntimata li r-Rikorrent kien *a habitual latecomer* ma ġietx konklusivament ippruvata peress li l-*punch cards* jirreferu għal perijodu qasir. Dana s'intendi ma jeżonerax lir-Rikorrent li kellu jirrapporta għax-xogħol fil-ħin. It-Tribunal imbagħad għadda biex jeżamina t-tielet infrazzjoni, dik li r-Rikorrent kien ħalla l-post tax-xogħol mingħajr permess. Ir-Rikorrent jgħid li informa lil Saviour Farrugia, Direttur, qabel ma ħareġ. Jgħid li Farrugia qallu "OK" ippanċja u telaq u meta ġie lura ma sabx il-*punch card.* F'konfront li sar bejn ir-Rikorrent u Farrugia dan ta' l-aħħar innega dan kollu. Issa quddiemu t-Tribunal kellu żewġ versjonijiet kontrastanti. Jekk wieħed jużu it-test tal-bilanċ ta' probabbiltà l-versjoni tar-Rikorrent hija iktar verosimili. Għaliex huwa ġa kien imdeffes fi kwistjoni li taffetwalu xogħolu, uża l-*punch card* biex joħroġ u għalhekk ma skartax kif ġieb u laħaq. Jgħid li talab lil Farrugia darbtejn u t-tieni darba qallu "OK". Għad li Farrugia baqa' jinnega l-versjoni tar-Rikorrent tidher iktar kredibbli.

Ma jkunx barra minn loku jekk għal darb'oħra t-Tribunal jerġa jindirizza l-kwistjoni ta-twissijiet, kommunement riferuti bħala *warnings.* Kemm il-darba intqal li twissijiet mhumiex sempliċement taptipa fuq l-ispalla jew kelma tajba iżda għandhom funżjoni important fl-apparat dixxiplinarju industrijali. L-*Employment Appeal Tribunal* fl-Ingilterra fil-każ *Pasticers Limied vs Harold Amos* spjega li "*warnings is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described in a case like this, as efforts to try to make the employee change, and (an indication) to him of the consequences if these efforts are unsuccessful*". Għaldaqstant twissijiet għandhom żewġ elemnti indispensabbli,

indikazzjoni ċara tal-infrazzjoni u iktar importanti l-effett serju li jaffaċċja l-ħaddiem jekk ma jirrimedjax. Fuq dan l-isfond it-Tribunal eżamina t-twissijiet tas-Soċjetà Ntimata li ħarġet it-tliet twissijiet fi żmien qasir ta' jumejn. Dana juru l-intent tas-Soċjetà li iktar milli tiftah għajnejn ir-Rikorrent riedet tilħaq in-numru li sejħitlu "*maximum*" li fil-fatt forsi riedet tgħid "*minimum*" biex mingħaliha tissodisfa n-norma ta' tliet twissijiet qabel it-tkeċċija.

In-nuqqasijiet tar-Rikorrent, anke kieku għal grazzja ta' l-argument ma kienx ħa l-permess meħtieġ biex joħroġ fl-14 ta' April 2011, ma jilħqux il-livell ta' suffiċjenza li fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal għandhom jinkorru s-sanzjoni massima ta' tkeċċija.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Saviour Caruana minn mas-Soċjetà Ntimata John's Garage Limited ma kienx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal ma jilqax it-talba tar-Rikorrent li jerġa jiġi reintegrat fil-post li kien jokkupa u dana għal diversi raġunijiet inkluż il-fatt li issa qed jaħdem f'post ieħor. It-Tribunal wara li ra l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap 452 jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent mis-Soċjetà Ntimata fl-ammont ta' €1000 li jrid jitħallas immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju